MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru. 192/2000
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Ian Paul Muscat ta' 21 sena bin Alfred u Felic nee Portelli li joqghod 'Narcis', Triq Agius De Soldanis, Nadur , Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 21678 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fit-12 t'April, 2000 ghall-habta tal-10:15am saq karozza IPM 247 matul Triq ir-Repubblika u Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija karozza b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku laqat u xehet ma' l-art lil Mary Anne Sultana mir-Rabat, Ghawdex u kkagunalha feriti gravi skond kif

iccertifika Dr M. Masini M.D. ta' l-Isptar Generali t' Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti..

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti huwa inkostatat illi l-kwerelanta kienet qed taqsam Triq Putirjal mit-telgha ghan-nizla meta l-imputat bil-vettura tieghu gej minn Triq ir-Repubblika minn naha ta' l-Ghassa tal-Pulizija, kiser u laqat lill-kwerelanta. Jirrizulta illi fil-post ta' l-incident hemm zebra crossing u l-kwerelanta ma kienetx qed taqsam minn fuqha. Din hija xi tlieta jew erba' metri biss minn fejn sar l-incident. Jirrizulta wkoll illi fil-post hemm "railings" fuq iz-zewg nahat tat-triq biex ma jaqsmux in-nies u l-kwerelanta ghazlet li taqsam proprju minn hemm. Ix-xhieda okulari qalu li l-imputat kien qed isuq bi speed normali u Rose Grech in partikolari qalet li hemm ma tistax issuq. Dan il-kumment irid jittiehed fil-kuntest li fil-post kien hemm Traffic Lights sporguti 'l barra u trid timmanuvra maghhom qabel taqbad Triq Putirjal fuq ix-xellug.

Minn dak li semghet il-Qorti jirrizulta illi l-imputat ma ghandu l-ebda tort f'dan l-incident. Speed eccessiv ma jirrizultax ghaliex id-danni kienu jkunu ferm akbar.

Il-Qorti ma tistax taccetta l-verzjoni tal-kwerelanta meta tghid li kellha l-ewwel sieq fuq il-bankina ta' fejn riedet tmur. L-impossibilita` li ddur 90 grad minn fuq ix-xellug u tolqot persuna li qed titla' l-bankina hija wahda kbira wisq fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------